# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

Il-Hamis 23 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 17.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

17.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

## 17.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

17.2.1 Il-minuti tal-hmistax u tas-sittax il-laqgha tqassmu qabel. Il-Kunsill iddecida li ghandhom jinqraw il-minuti. Il-minuti nqraw. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li fil-minuti 15 f'paragrafu 15.4.7 ghandha tizdied wara l-kelma *roundabout* 'ta' Wied Simar'. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi fil-minuti 15 f'paragrafu 15.3.10 ghandha tizdied fl-ahhar illi 'hija pproponiet izda illi ghandha jsir *road hump* fil-bidu ta' Triq iz-Zewwieqa quddiem Xerri il-Bukkett Restaurant'. Hija semmiet illi f'paragrafu 15.12.1 fejn tissemma ix-xibka tal-ghasafar sabiex qabel is-sentenza li tibda 'Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xibka tal-ghasafar' ghandha tizdied il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet il-kaz ta' meta kien hemm xibka tal-ghasafar. Hija semmiet ukoll illi ghandha tizdied paragrafu f'*item* 15.4 li hija pproponiet illi ghandha jsir *car free day* fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma dawn l-emendi u wara dan il-minuti tal-erbatax, il-hmistax u sittax il-laqgha gew approvati unanimament.

## 17.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

17.3.1 Is-Sindku semma li persuna mill-lokalita` ser tippubblika ktieb ta' poeziji u s-Sindku pproponа li l-Kunsill ghandu jorganizza *book launch*. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jintraw 25 kopja ta' dan il-ktieb sabiex jinghataw ghal xi rigali meta l-Kunsill ikollu xi okkazzjoni.

17.3.2 Is-Sindku ressaq talba sabiex isir *road hump* fi Triq Indipendenza quddiem *Dolmen Garage*. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

17.3.3 Is-Sindku semma li lejliet il-festa ta' San Guzepp ghandha tingab band. Huwa semma li diga` ordna lill-*Upper Lip Band* ghal prezz ta' €800. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li ghandha tinghalaq il-Pjazza ghal gimgha tal-festa. Il-Kunsill qabel ukoll. Is-Sindku semma wkoll li huwa qed jirrakkomanda li l-Hadd 2 t'Awwissu 2020 wara nofsinhar ghandu jsir marc bil-banda tal-Qala. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa dwar jekk l-Arcipriet giex kkonsultat dwar dan peress illi huwa ma ried li jsir xejn. Is-Sindku qal li huwa kkonsulta mal-Arcipriet dwar dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill ghalhekk qabel ma dan. Is-Sindku dak il-hin stess cempel lil President tal-Banda tal-Qala dwar jekk hux possibli li jaghmlu dan il-marc, il-Persident informah illi jrid jara ftiu u ser jaghti risposta. Is-Sindku semma wkoll li ghandhom jinghataw il-permessi ghal *kiosks* tal-ikel peress li diga` kellmitu persuna. Huwa semma li ghandhom jitpoggew wara l-knisja. Il-Vici Sindku semma li ma jaqbilx li jitpoggew hemm peress li r-residentha tal-faccata kienet informatu li ma qablitx maghhom hemm. Is-Sindku semma li lilu ma qatlux hekk. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuggerixxa jistghux jitpoggew ma gemb il-knisja fejn ikunu tal-Mezzan peress li mhux ser jghaddu purcissjonijiet minn hemm din is-sena. Ghalhekk gie deciz illi ghandhom jigu nformati r-residenti taz-zewg postijiet dwar isibux oggezzjoni ghal dan. Gie diskuss ukoll l-gheluq tat-toroq li jaghtu ghal gol-pjazza fil-

gimgha tal-festa. Peress li l-eghluq tat-toroq dejjem kien f'idejn il-knisja, gie deciz li ghandu jigi kkuntatjat Father Charles dwar x'normalment isir.

17.3.4 Is-Sindku semma li huwa rcieva talba minghand l-Arcipriet sabiex il-Kunsill jissponsorja xi attivitajiet marbutin mal-festa. Gew trattati zewg ittri mibghuta mill-Parrocca Immakulata Kuncizzjoni u San Guzepp datata 9 u 10 ta' Lulju 2020 dwar dan. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandhom jigu mhallsa xi spejjes.

17.3.5 Is-Sindku semma li ghandna talba ghal tal-Qala Saints Football Club minhabba l-attivita ta' 'Hondoq by Night' u talba ohra tal-ghaqda tan-nar dwar attivita li huma ser jaghmlu wkoll f'Hondoq. Huwa ssuggerixxa li ghandhom jithallsu l-istess ammont ta' spejjes kull wiehed taz-zewg attivitajiet peress li huma t-tnejn mill-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan. Gew trattati l-ittra tal-Qala Saints Football Club u l-ittra minghand il-Euphoria Events dwar dawn l-attivitajiet.

17.3.6 Is-Sindku semma li ghandhom jinxtraw xi zewg *bins* tat-tfal ghal *Playing Field* Magistrat Salvu Attard. Il-Kunsill qabel ma dan.

17.3.7 Is-Sindku staqsa dwar il-*bins* u l-bankijiet ghal fuq il-Belvedere. Is-Segretarja semmiet illi waqt l-ahhar laqgha s-Sindku kien qal li huwa ser jiccekkja hu dwar dawn.

17.3.8 Is-Sindku semma li kellu talba sabiex isir *double yellow line* fi Triq it-Telgha izda huwa rrakkomanda li ma jsirx peress li ser ikun hemm l-ilmenti peress li fil-passat diga` kien hemm u tnehhew minhabba xi ilmenti li kien hemm. Il-Kunsill qabel li ma jsirux.

17.3.9 Talba sabiex isir bozza gdida tat-Triq fi Triq in-Nadur kantuniera ma Triq il-Mithna. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

17.3.10 Ilment dwar riha tad-drenagg fir-residenzi li joqghodu f'parti minn Triq l-Indipendenza li qed jinghad li qed jigi kkawzat minn residenza li ma hemm hadd li joqghod fiha u li meta saret it-triq il-katusa tas-servizz tad-drenagg kienet mkissra mill-kuntrattur. Il-Kunsill iddiskuta li din it-triq saret diversi snin ilu u qatt ma kien hemm ilmenti dwar dan. Kif ukoll is-servizz tad-drenagg ghal mal-*main* hija xi haga privat.

17.3.11 Is-Segretarja semmiet li ghandha xi granet tal-*leave* taghha tas-sena 2019 li ma haditx u ghalhekk tixtieq li dawn jigu mghoddija ghal mal-*leave* ta' din is-sena 2020. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan.

17.3.12 Giet trattata din il-korrispondenza:

17.3.13 Ittra mibghuta minn Transport Malta fejn il-Kunsill gie informat illi t-talba sabiex jizdiedu *d-double yellow lines* fi Triq iz-Zewwieqa gie approvata.

17.3.14 Ittra mibghuta minn EACEA – *Europe for Citizens* fejn il-Kunsill gie nformat illi t-talba li kien ghamel il-Kunsill ghall-estenzjoni tal-Progett tal-EUISM giet estizi sas-17 ta' Frar 2022.

17.3.15 Ittra mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill dwar il-problema sabiex il-Kunsill isib membri sabiex joqghodu fuq il-bord tal-evalwazzjoni peress li l-membri li ssoltu joqghodu m'accettawx. Il-Kunsill gie nformat illi fir-regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku ma jistipula ebda forma ta' eccezzjoni fir-rigward tal-possibbilta` li membru tal-bord tal-evalwazzjoni jezenta ruhu mill-bord, hlief f'kazi ta' konflitt ta interess dirett jew indirett. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li tar-Regjun kienu pproponew illi jistghu jigu mqabbda

*auditing firm* Is-Sindku semma li jekk jitqabbad xi awditur l-ispejjes jigu jiswew hafna. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi hadet hsieb illi ggegged z-zmien ta' meta tista tintghazel l-offerta u ghalhekk issa dalwaqt ser jerga jaghlaq dan iz-zmien u ma jkunx jista jerga jigi mgedded.

17.3.16 Tlett mistoqsijiet parlamentari PQ 15638, PQ 15642 u PQ 15624 kif ukoll ir-risposti li ntbghatu.

17.3.17 Cir AKL 2020/043 Covid 19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA mibghuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali. Is-Segretarja semmiet illi giet informatha mill-Assocjazzjoni illi sabiex jinbidel il-progett, din trid tigi mghoddija mill-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-progett ghandu jinbidel minn dak ta' manutenzjoni fuq il-*gazebo's* ghal dak ta' provvista ta' *lampposts* u *bins* fil-*playing field* Magistrat Salvu Attard.

17.3.18 Ittra mibghuta mir-Regjun Ghawdex dwar partecipazzjoni f'Festival tal-Bizzilla gewwa l-Croatia. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa u li ghandha tigi kkuntatjatha Frances Buttigieg persuna li tghallem il-bizzella dwar dan.

17.3.19 Ftehim li gie ffirmat dwar accettazzjoni ta' qbil dwar it-triq 'il quddiem fejn nghata l-awtorizzazzjoni lill-Kunsill Regjonali, AKL, DGL, MGL sabiex jesploraw mekkanizmu dwar kif il-gbir tal-istess skart jibda jsir mir-Regjun.

17.3.20 Ittra mibghuta mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar jekk il-Kunsill ghadux interessat dwar *Development Planning Fund Application* li kienet ser isir xi snin ilu dwar il-*water culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni. Is-Sindku semma li din l-applikazzjoni x'aktarx li ghandha tigi kkancellatha.

17.3.21 Ittra mibghuta minn Fr Charles Buttigieg dwar proposta sabiex Premju Gieh il-Qala jinghata lil Josette Buttigieg. Il-Kunsill iddiskuta li kien diga' kellu f'mohhu li xi hadd iehor, izda ghandha tigi diskussa n-nomina meta jasal iz-zmien tac-cerimonja u jekk ma tinghatax din is-sena tkun sena ohra.

17.3.22 Protest Gudizzjarju ta' Dorianne Dalli dwar *bus stop* li hemm quddiem ir-residenza taghha fi Triq il-Kuncizzjoni. Giet mibghuta risposta ghal dan il-Protest Gudizzjarju minn Avukat f'isem il-Kunsill.

17.3.23 *Management Letter* mibghuta mill-Awdituri RSM dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2019 kif ukoll ir-rapport u l-*financial statements*.

17.3.24 Kuntratt li gie iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar *grant* ghar-restawr tal-istatwa ta' San Guzepp li tinsab fi Pjazza Repubblika. Is-Segretarja semmiet illi dan il-progett irrid ikun lest sat-31 t' Ottubru 2020. Gie deciz li ghandha tintalab *extension*.

17.3.25 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcu amministrattiv tal-Kunsill mis-7 ta' Frar 2020 sat-23 ta' Lulju 2020 minn referenza numru 21/20 sa referenza numru 102/20 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 14/20 sa referenza numru 96/20 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 17.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

17.4.1 Il-Vici Sindku Ivan Cefai semma li dalghodu kien qed jghin lil Qala Saints FC jarmaw ghall-attivita ta' *'Hondoq by Night'* li kull sena l-Kunsill ihallas l-ispejjes tal-kiri tal-*barriers* u li l-hlas taghhom lill-pulizija sabiex jingabru dejjem jrid isir minn qabel. Huwa semma li wiehed mill-organizzaturi

kellem lis-Segretarja u din qaltu li ser tikkuntatja lis-Sindku sabiex jigi jiffirma c-*cheque*. Huwa semma li kkuntatja lis-Sindku dwar dan u peress li kien ghadu ma rahx l-*email* talbu sabiex jekk jista` jkun imur il-Kunsill jiffirma c-*cheque.* Is-Sindku semma li ma setghax imur l-ufficcju minhabba affarijiet ohra li huwa kellu. Il-Vici Sindku gie fejn is-Segretarja sabiex jiehu *cheque* u jiehdu hu ghand is-Sindku ghal firma. Izda xhin huwa cempil lis-Sindku, is-Sindku qallu li ser jigi ghalxejn peress li huwa (is-Sindku) ftihem mas-Segretarja sabiex dan ic-*cheque* jigi mghoddija fil-laqgha tal-lejla; il-Vici Sindku semma li s-Sindku sa siegha qabel qal li ma kellux kommunikazzjoni mas-Segretarja. Is-Sindku semma li l-gimgha l-ghaddiet huwa qal lis-Segretarja illi t-talbiet taz-zewg ghaqdiet ghandhom jigu mghoddija laqgha tal-Kunsill. Is-Segretarja semmiet li ma kienx hemm kommunikazzjoni fuq il-*barriers* izda fuq l-*emails* li nbghatu miz-zewg organizzaturi. Il-Vici Sindku staqsa lis-Sindku mela ghalfejn sa siegha qabel is-Sindku qal li s-Segretarja messa cemplitu fuq dan. Il-Vici Sindku semma li din kienet urgenti peress li l-*barriers* riedu jingabru mal-hlas. Is-Sindku semma li huwa qalilhom sabiex johorgu l-ispejjes minn buthom u jithallsu mill-Kunsill wara. Il-Vici Sindku semma wkoll li l-Sindku qallu sabiex kellhom jitqabbad xi hadd ibattal il-*bins* tal-pjazza ghal €30 huwa, (is-Sindku), kellu jsejjah laqgha urgenti. Il-Vici Sindku semma li ma jafx kif din il-materja tistax tqabbilha mal-ispejjes tal-*barriers* u li s-Sindku qallu wkoll li huwa (s-Sindku) ser jibda jimxi kif timxu intom mieghi. Il-Vici Sindku semma li huwa staqsieh ghal kemm il-darba fejn huwa, (l-Vici Sindku), qed jimxi hazin mieghu u jekk huwa ghamil xi haga. Is-Sindku ma rrispondiehx.

17.4.2 Il-Vici Sindku ressaq dawn il-proposti/talbiet:

17.4.3 ●Sabiex jitnehha karru tal-Karnival li jinsab fi Triq ta' Grunju. Is-Sindku semma li ser jigi rrapportat.
●Sabiex isir xi haga fi squq tal-ghassa peress li dan dejjem delli u jitrabba l-hass forsi jsir xi madum. Is-Sindku semma li issa naraw x'jista` jsir. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet illi hija darba pproponiet illi jsir xi haga tal-*mosiac.*
●Sabiex isir *double yellow line* fi Triq Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir.
●Li naghlqu l-pjazza ghal karozzi ghal xi ftit zmien. Il-Kunsill qabel ma dan.
●Sabiex jittranga l-WIFI li hemm fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Gie deciz li ghandu jsir maghruf minn kien installah, sabiex jigi mitlub li jissewwa.
●*Truck* li qed jghaddi mhux skond ir-rotta tieghu fi Triq il-Wileg. Gie deciz li jekk jerga jigri dan, ghandu jinghata cittazzjoni.

17.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ressqet dawn il-proposti/talbiet.

17.4.5 ●Sabiex li t-trukkijet li jghaddu minn gol-lokalita` ikunu mghottija b'*cover* fuq il-materjal li jkunu qeghdin igorru. Gie deciz li ghandha tintbghat ittra lis-sidien tal-barrieri dwar dan u jekk ma jobdux ghandhom jinghataw citazzjoni. Is-Sindku semma wkoll il-possibilta li jsir xi tip ta' *bye law*.
●Sabiex isir *speed limit sign* fi Triq it-28 ta' April 1688 u Triq iz-Zewwieqa. Gie diskuss illi fi Triq iz-Zewwieqa diga` hemm *markings* fl-art. Gie deciz li jigi mitlub lil Transport Malta dwar l-*speed* x'jrid ikun ghal Triq it-28 t'April 1688. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li kellu talba sabiex isir tabella simili fi Triq Wied Simar, mill-ewwel *roundabouts* sat-tieni *roundabout*. Gie deciz li jsir tabella *slow down residential area*.
●Sabiex isir tabella sabiex ma jarmux zibel ghax ilaqqat multabit-timetable tal-*waste collection* peress li qed ikun hemm skart l hawn u l hinn. Is-Sindku semma li ghandu xi tabelli simili minn dawk is-sofor fil-kaz jitwahhlu dawn.
●Sabiex isir *road hump* fi Triq iz-Zewwieqa. Is-Sindku ppropona li ghandha jsir ftehim bejn il-Kunsill u minn qed jitlob ir-*road hump* halli l-Kunsill ikun *covered* jekk il-quddiem ikun hemm ilmenti dwar din ir-*road hump*. Il-Kunsill qabel ma dan.

●Il-*bars* tal-Pjazza jixtiequ li jsir laqgha mal-Kunsill peress li ghandhom ideat u l-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li tista tigi diskussa l-gheluq tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel ma dan u ddiskuta dwar meta l-ahjar li jsir laqgha.
●Sabiex isir bozza fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill qabel ma dan.
● Sabiex tabella li hemm f'wahda mic-*central strips* li hemm fi Pjazza Repubblika sabiex titressaq 'il gewwa peress li t-trukkijiet qed jolqtuha kull darba kif ukoll sabiex isir xi marking fl-art ghax il-karozza jghaddu kontra l-linja.

17.4.6 Hija indirizzat lill-Kunsillier Joseph Buttigieg fejn semmiet illi meta jkun ser ikun hawn xi attivita bhal dik li qed tigi organizzatha kull nhar ta' Erbgha fil-Pjazza tal-lokalita` mill-Ministeru ghal Ghawdex tkun haga sabiha li l-Kunsill ikun informat mhux isir jaf minghand in-nies, fejn imbaghad fejn jaghti lok li jahsbu li l-membri tal-Kunsill huma miggieldin ma xulxin. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li Kunsilli Lokali ohra kienu nformati minn qabel dwar dawn l-attivitajiet li qed isiru wkolll fil-lokalita` taghhom. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ta r-ragunijiet ghalfejn ghamel dan, fejn semma li meta tibda tippjana xi haga bhal ma gara diga' illum, ikun hemm affarijiet ghaddejjin minn taht, komploti, sabiex ihassru l-affarijiet li jkunu ser isiru ghax sfortunatament il-Kunsill taghna xhin xi hadd jipproponi xi haga ghal gid tar-rahal, ikun hemm minn jara kif ihassar jekk ma tkunx l-ideja tieghu u ghalhekk sabiex gie evitat dan u sabiex kollox isir, kellu jaghmel hekk. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi ma taqbilx ghax hija minn naha taghha kienet taqbil zgur li ghandhom isiru dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma wkoll li kif ghadu kif gara f'din l-istess laqgha ghax kien hemm minn sema` bl-ideja tad-dawl tal-Milied, iddecida li jaghmel xi haga huwa sabiex tal-Ministeru ma jsirx. Is-Sindku semma li huwa ma kienx jaf li ser isir dan id-dawl tal-Milied. Il-Kunsillier Karl Buttigieg u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq ma qablux li huwa (il-Kunsillier Joseph Buttigieg) fil-kliem tieghu qed jinkludi lil kulhadd; jigifieri lilhom ukoll, fejn tirrigwardja li jkun hemm konfoffi minn xi Kunsillieri man-nies sabiex l-attivita` proposta tigi mhassra, lanqas biss kienu jafu xejn. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li raguni ohra hi li meta xi hadd jaghmel xi haga ma jissemmiex imbaghad naraw fuq il-*facebook page* tal-Kunsill li l-Kunsill ghamel din il-haga. Ezempju ta' dan huwa l-iffirmar tal-MOU tal-*Green Urban Project* li meta mar is-Sindku Malta, dan l-MOU kien diga ffirmat u wara giet mtellgha post li s-Sindku mar jiffirma l-MOU u li huwa l-Kunsillier Joseph Buttigieg, il-persuna li qed jahdem fuq dan il-progett, ma jissemma imkien. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Joseph Buttigieg li messu qallu. Ezempju iehor li huwa semma hija l-*issue* tal-*bus stop* fi Pjazza San Guzepp, l-istess haga gara hawn fejn wara hafna konfoffi ghadna sallum minghajr *bus stop* fil-pjazza. Is-Sindku staqsa dwar li gara fuq it-tlett haddiema li kienu assenjati mal-Kunsill u li issa gejna b'xejn. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-haddiema xebghu mal-Kunsill u ghalhekk huma stess talbu sabiex jitilqu. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-Kunsill kellu jinghata *replacements*. Is-Sindku semma li talab kemm il-darba imma ghalxejn. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku ghalfejn qed isaqsi lilu. Is-Sindku qallu ghax huwa qed jipprovahom l-affarijiet. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa ma jipprovahx haddiema. Is-Sindku semma li mhux il-haddiema imma ghal affarijiet ohra li saret *request* mill-Kunsill ghal trukk mill-Ministeru sabiex jingabar xi gebel ta' bankina u li din ma gietx approvatha u li tal-Kajselli qalulu sabiex ikellem lilu; lill-Kunsillier Joseph Buttigieg. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku li huwa (s-Sindku) kienx kellmu peress li huwa (l-Kunsillier) illum qed jisma fuqha din. Is-Sindku semma li kellu *email* lesta. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qallu li huwa qatt ma jrcieva xejn minghandu. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi sabiex jigi solvuti dawn l-*issues* l-ahjar haga li jsir hija li jsir laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex, huwa semma li l-Kunsill Lokali Qala huwa l-unika Kunsill li ghadu ma marx jiltaqgha mal-Ministru u li jekk ghandu xi ilmenti ghandu jressaqhom dakinhar meta jsir laqgha mal-Ministru. Il-Kunsill iddecida sabiex jitlob ghall-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex.

## 17.5 Offerta ghal trukk.

17.5.1 Is-Sindku semma li huwa ccekkja ftit fuq xiri ta' trukk. Huwa semma li ahjar ma jinxtarax wiehed tal-elettriku ghax ma jaqbilx u ghalhekk issuggerixxa li ghandu jinxtara trukk gdid jew *second hand*. Huwa qal li *second hand* jigi jiswa madwar €13,000. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg offerta ghal xiri ta' trukk gdid.

## 17.6 Perit tal-Kunsill ser jispjega rigward Updates tal-*playing field, water culvert*, offerta ghal Triq 28 t'April 1688 u offerta ghal *roundabouts* ta' madwar il-Qala.

17.6.1 Il-Perit tal-Kunsill gie mistieden ghal parti ta' din il-laqgha sabiex jispjega rigward *updates* tax-xogholijiet/progetti tal-Kunsill. Huwa semma li x-xoghol fuq il-*water culvert* u *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni ser jibda wara Santa Marija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li importanti li jsir it-*Traffic Management*. Wara diskussjoni gie deciz illi t-trukkijiet ghandhom jidhlu minn Triq Wied Simar u johorgu minn Triq il-Wileg temporanjament sakemm jitlestu x-xogholijiet. Il-Perit semma li huwa ser jitkellem mal-ufficcjali tat-Transport Malta dwar ir-rotta tal-*bus* f'din it-triq. Huwa semma li qed jahdem fuq id-dokument tax-xoghol ta' *resurfacing* ta' Triq it-28 t'April 1688. Dwar il-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard, il-Perit semma li kienu nhargu zewg offerti ghal *safety mats* u ghal *equipment*; izda kellhom isiru xi varjazzjonijiet specjalment tal-*equipment* u li qed jirranga xi dokumenti ghal din il-varjazzjoni. Il-Perit semma wkoll li ahjar jigu mibdula r-*railings* kif ukoll il-fanali ta' dan il-gnien. Peress li dawn mhumiex fil-kuntratt gie deciz li r-*railing* ghandu jsir minn haddiem tal-Kunsill u ghandhom meta jkun ser jinbeda x-xghol ghandhom jintalbu xi stima ghal fanali. Is-Sindku nforma lill-Perit bil-proposta tal-Kunsill sabiex jittrangaw ir-*roundabouts* li hawn fil-lokalita` fejn kienu saru xi pjanti minn Perit iehor u li issa li l-Kunsill ghandu l-Perit tieghu dan ix-xoghol ghandu jinghata lilu. Il-Perit semma li din mhux problema. Giet diskussa wkoll t-*traffic management* li kien ser isir fejn is-salib fi Triq il-Kuncizzjoni. Il-Perit semma li darb'ohra huwa ser jigi u jgib il-pjanta mieghu sabiex jispjegaha. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma lil Perit dwar il-Progett tal-*Greening Urban Areas* il-possibilita` li jithawwlu s-sigar u jigu installati bankijiet f'bicca *area* fi Triq Wied is-Simar u ghalhekk talab lil Perit sabiex jaghmel xi tip ta' pjanta. Gie deciz li xi darba jmorru fuq il-post sabiex jara ftit dwar dan u jsir laqgha mas-Sur Joseph Bonello. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma wkoll illi kellhom isiru xi varjazzjoniet fil-MOU minhabba s-sigar li kienu proposti li ser jithawwlu f'Hondoq ir-Rummien li bhalissa qed isir xoghol sabiex tinhareg l-offerta ghal dan il-progett. Giet diskussa wkoll l-applikazzjoni sabiex jinzabru s-sigar tal-Pjazza.

## 17.7 *Qala International Folk Festival.*

17.7.1 Is-Sindku semma li l-*Cash and Band* ma jistghux jigu fil-granet tal-*Qala International Folk Festival* ta' din is-sena peress li xi gew bbukkjati ghal tieg. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-*Menhir Qala Folk Group* huwa lest li jorganizzaw it-Tieg l-Antik jew inkella l-loghob tat-tfal. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi organizzat it-Tieg l-Antik.

## 17.8 Tindif fil-jiem tal-festa u wara.

17.8.1 Is-Sindku semma li t-tlett haddiema li kienu assenjati mal-Kunsill mill-CWSEF ittiehdu ilbierah u ghalhekk il-Kunsill ma baqalux haddiema sabiex isir it-tindif. Huwa semma wkoll illi kien ttiehed Carmel Bigeni, il-*cleaner* tad-*day centre* u spicca haddiem iehor biz-zmien u hadd ma gie *replaced.* Ghalhekk trid tigi solvuta din il-problema u qal li ccekkja u hemm *option* temporanja

sakemm jinhargu l-offerti ghat-tindif tat-toroq. L-*option* hija li nqabbdu kuntrattur kemm jista jkun malajr, l-istess wiehed li joffri s-servizzi tieghu lill-Kunsilli tar-Rabat, Sannat u Xaghra u jekk jaqbel il-Kunsill tintalab stima ghal madwar sitt sighat kuljum inkluz is-Sibt u jekk isir qbil ukoll minhabba l-urgenza, malli jircievi l-istima, jinforma lil membri kollha b'email ghall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar kif ma baqax haddiema mal-Kunsill u ghalfejn. Il-Vici Sindku semma li l-haddiema xebghu u ghalhekk talbu *transfer* huma stess. Is-Sindku semma li kienu ilhom xahar li talbuh it-*transfer*. Gie diskuss dwar jistax il-Kunsill jaqbad jaghti dan is-servizz hekk. Is-Sindku semma li dak li qed jghid huwa skond ir-regolarmenti u mhux ser ikun kontra il-ligi. Huwa semma illi malli jircievi stima huwa ser jibghatha lill-membri tal-Kunsill ghall-approvazzjoni. Huwa semma li ser jitlob ukoll stima ghat-tindif ta' wara l-marc tal-festa. Is-Segretarja semmiet li bhalissa x'hin xi hadd miz-zewg haddiema li jkunu xoghol fil-latrina ta' Hondoq ikun bil-*leave* jew *sick* qed jirrangaw bejniethom bhala *replacement* u li qed jithallsu *overtime*. Peress li l-*overtime* qed jigi jiswa hafna hija talbiet lill-Kunsill jekk is-sistema ghandiex tibqa sejra hekk jew inkella ghandhomx jigu kkuntatjati tal-Gvern sabiex jibghatu xi haddiema huma bhala *replacements* kif kien isir fis-snin precedenti. Gie deciz li ghandhom jigu mqabbda il-haddiema tal-Gvern kif kien qed isir fil-passat. .

## 17.9 Pannelli tal-*ground*.

17.9.1 Is-Sindku semma li huwa talab stima ohra dwar ix-xoghol fuq it-trasferiment tal-pannelli ta' 'Gnien il-Hajja' u li dan informah illi ma jidhlux f'xoghol hekk peress li x-xoghol li kien sar fi 'Gnien il-Hajja' ilu li sar u ghalhekk irrakkommendalu u tah stima sabiex isiru pannelli godda li jkunu jaghtu hafna aktar minn dawk li hemm fil-'Gnien il-Hajja'. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuggerixxa li l-pannelli li hemm jistghux jitqeghdu fuq il-*clubhouse*, halli ma jintremewx. Izda gie diskuss illi b'hekk il-Kunsill ser jidhol fi spiza ohra. Is-Sindku semma li huwa tal-fehma li jingab 3 *phase* fil-ufficini tal-Kunsill u jitpoggew il-pannelli fuq il-bejt tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u li l-ahjar hu li jigi avvincinat l-Inginier dwar jekk jaqbilx li l-Kunsill jixtri pannelli godda jew inkella juza dawk li diga` ghandu l-Kunsill. Is-Sindku rrakkomanda illi ghandhom jingabu zewg stimi ohra ghal provvista' ta' pannelli godda. Il-Kunsill qabel ma dan u imbaghad jara wara dwar x'jaqbillu jaghmel il-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma dwar jista jkun li jkun hemm xi skema ghal pannelli. Il-Vici Sindku ppropona li ghalissa ma jigix mitlub sabiex jsir *meter* tad-dawl ghal fontana biex imbaghad jekk jingab *meter* iehor ghal PV's il-Kunsill ma jispiccax b'zewg *meters* u jintefqu l-flus ghal xejn. Is-Sindku semma li ghandu jsir *meter* 3 *phase* mall-ewwel.

## 17.10 ELC

17.10.1 Is-Sindku semma li tal-ELC li qed jiehdu hsieb is-*soft areas* tal-lokalita` talbuh sabiex jirrevedu il-kwotazzjoni/ftehim taghhom li huma ghandhom mal-Kunsill ghal dawn l-ahhar snin peress li kien ghadu bl-istess prezz u talbuh sabiex jizdied xi €600 fis-sena. Is-Sindku semma li dawn qeghdin joffru servizz eccellenti u jiehdu hafna hsieb u ma hemm hadd jikkompira maghhom. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar il-Kunsill ghandux kuntratt bhalissa, is-Sindku qallu li ghandu. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa dwar jekk il-kuntratt prezenti jghoddx. Is-Sindku semma li jghodd. Ghalhekk il-Kunsill qabel ma dan.

## 17.11 Dawl fil-Milied.

17.11.1 Is-Sindku semma li huwa kellu talba sabiex jizdied id-dawl fil-Pjazza ghal zmien il-Milied fejn isiru xi antorjoli fit-toroq li ddawru l-pjazza. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-Ministeru ghal Ghawdex kienu qed javvicina xi ghaqdiet tal-lokalitajiet fejn jinghataw xi fondi sabiex jibnu xi armar u jaghmlu disinn u zzommuh, huwa semma li nforma lill-ghaqdiet tal-Briju u Armar dwar dan. Is-Sindku semma li ser isiru xi dwal ma kull antorjola wkoll. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma l-ghaqdiet hekk kien behsibhom jaghmlu bil-fondi tal-Ministeru u ghalhekk li peress li s-Sindku qed jghid li ser isir dan ix-xoghol mill-Kunsill, huwa ser ihalli kollox f'idejn il-Kunsill u li lill-ghaqdiet ser jghidilhom li tilfu din l-opportunita'. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li jistghux isiru l-affarijiet kongunti. Gie diskuss ukoll illi jekk il-Ministeru jaghti l-fondi, il-Kunsill ghandu jaccetta dan u jsir kollox mill-Ministeru. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li dan kollu gara wara li huwa tkellem mal-ghaqdiet u li huwa qal lis-Sindku li jaf kif qed jigru l-affarijiet il-Qala. Huwa semma li ma jimportax isir kollox kif qed jipproponi s-Sindku u jsir kollox mill-Kunsill izda b'hekk qed intellfu opportunita lill-ghaqdiet tal-Qala. Huwa semma li l-Pjazza qatt ma giet mzejna issa ghax kien hemm din l-opportunita s-Sindku ddecida li jaghmel it-tizjin. Is-Sindku semma li mhux minnu li ghax huwa sema b'din l-opportunita huwa ddecida li ghandu jsir it-tizjin fil-Pjazza izda iddecida ghax gew talbuh. Is-Sindku semma li ser isir kollox mill-Kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg u l-Kunsillier Valerie Cassar Mejlaq semmew sabiex kollox ikun car illi huma ma jridux jtellfu ebda opportunita lill-ghaqdiet anzi li ghandna niehdu din l-opportunita. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet illi trid isir *Christmas Tree* fil-Pjazza bhal dik li konna rajna l-Montenegro. Gie diskuss li jrid jinstab xi hadd sabiex jaghmel disinn ghal din. Il-Vici Sindku semma li xtaq jerga jqajjem il-materja dwar id-dawl tal-pjazza fejn nilhqu kompremess. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li bl-iskema tal-Ministeru l-Ghaqda tal-Briju ser jithallsu ta' xogholhom kif ukoll l-armar li jkunu ghamlu jinzamm minnhom stess sabiex jintuza kull sena. Is-Sindku semma li minn gie fuqu ma kienx qalu b'dan kollu. Ghalhekk gie deciz li l-Kunsill izejjen tas-soltu, Triq it-28 t'April 1688 u s-sigar u li ser ikun hemm diskussjonijiet mal-ghaqdiet tar-rahal biex jiehdu hsieb it-tizjin addizzjonali fil-Pjazza permess tal-fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex.

## 17.12 Il-progett tas-Slow Streets

17.12.1 Cir AKL 2020/060 mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar dokumenti progett *Slow Streets* u laqghat mal-Kunsilli Regjonali u Kunsilli Lokali rispettivi, fejn il-Kunsill kien iddecida permezz ta' *email* li ghandu jippartecipa. Gie trattat kopja tal-kuntratt iffirmat dwar dan il-progett. Il-Kunsill qabel mal-participazzjoni f'dan il-progett.

## 17.13 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

17.13.1 Is-Segretarja qrat l-iskedi tal-pagamenti b'referenzi numri SP 8/2020 u SP 9/2020. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'dawn l-iskedi ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 17.14 Mozzjonijiet.

17.14.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 17.15 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

17.15.1 Il-laqgha ntemmet fil-10:15 ta' bil-lejl u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 27 ta' Awwissu 2020.

Gie deciz ukoll illi l-laqgha mal-*bars* ghandha jsir nhar is-6 t'Awwissu 2020, fil-5:00 ta' filghaxija.

Ikkonfermati illum, il-Hamis 27 t'Awwissu 2020.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv